**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 29 ta' Settembru 2022**

**Rikors Nru. 295/2019 GM**

**Joseph Lia (I.D. 791247 M)**

**vs**

**Romina Micallef (I.D. 213280 M) mart Anthony, Lina Cassar (I.D. 299277M) mart James Cassar, James Attard (I.D. 446988 M) u Paul George Attard (I.D. 10290 M) bħala l-eredi preżenti ta' missierhom George Attard I.D. 229955 M) u ta' Ommhom Mary Grace Attard (I.D. 738853 M);**

**b'żieda b'kitba fil-verbal / digriet tat-19 ta' Novembru 2020 l-eredita` tal-mejtin George Attard u Mary Grace Attard b'nomina ta' kuraturi; u**

**b' digriet moghti fit-30 ta' Diċembru 2020 Av Charmaine Cherrett u l-PL Katrina Zammit-Cuomo mahturin kuraturi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Joseph Lia li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1) Ir-Rikorrent kien biegħ numru ta' vetturi lil illum il-mejjet George Attard (lD 229955 M) li kien miet fl-20 ta' Ottubru 2016 (Ara: Dok JL 4) u lil illum il-mejta Mary Grace Attard (ID 738853 M) li kienet mietet fil-21 ta' Jannar 2018 (Ara: Dok JL 5);

2) Skont il-ftehim hekk milħuq bejn kemm ir-Rikorrent kif ukoll Missier u Omm il-Konvenuti Intimati, jiġifieri ma' llum il-mejjet George Attard (ID 229955 M) u ma martu llum il-mejta Mary Grace Attard (ID 738853 M), il-ħlas ta' dawn l-istess vetturi kellu jkun restitwibbli permezz ta' pagament mensili fuq perjodu ta' ħames snin bl-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena a scaletta (Ara l-kopja tan-Noti għall-Iskrizzjoni tal-Ipoteki u tal-Atti Nutarili bin-numru Proġressiv 10553 skont l-Atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon L.L.D tal-ħamsa (5) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) għal €7,499.00 u għal €11,972.28; u l-oħra skont l-Atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon LL.D tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għal €12,578.62 li huma hawn annessi u mmarkati bħala Dok Lia 2 u Dok Lia 3 rispettivament);

3) Sal-ġurnata tal-lum, Missier u Omm il-Konvenuti Intimati u l-Konvenuti Intimati infushom kienu ħallsu lir-Rikorrent s-somma ta' sebat elef sitt mija u tletin ewro (€7,630.00) akkont tal-ammont dovut u li għalhekk bħala werrieta preżunti, l-Konvenuti Intimati huma debituri tar-Rikorrent fis-somma ta' ħamsa u tletin elf mija u ħames ewro erbgħa u tletin ċenteżmu tal-ewro (€35,105.34) bħala sorti biss (Ara l-kopja tal-"iStatentent of Account" datat l-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u li hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok Lia 1);

4) Sal-15 ta' Marzu 2019, Missier u Omm il-Konvenuti Intimati u l-Konvenuti Intimati infushom kienu akkumulaw b'kollox bħala imgħaxijiet biss l-ammont ta' sbatax-il elf tliet mija u tmien ewros u erbgħa u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€17,308.54) (Ara l-kopja tal-"iStatement of Account" datat il-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u li hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok Lia 1);

5) Sal-15 ta' Marzu 2019, Missier u Omm il-Konvenuti Intimati u l-Konvenuti Intimati infushom kienu u, għadhom qegħdin jakkumulaw ukoll diversi spejjeż u imgħaxijiet addizzjonali u għalhekk sa issa l-ammont hekk reklamati huma riservati;

6) Għalhekk, l-imsemmi ammont ta' tnejn u ħamsin elf erba' mija u tlettax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu tal-ewro (€52,413.88) barra l-ispejjeż u l-imgħaxijiet l-oħra addizzjonali li l-ammont tagħhom huma hekk reklamati u li huma sa issa riservati, huma dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mill-Konvenuti Intimati lir-Rikorrent u li għalhekk fil-fehma tar-Rikorent jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ;

7) Sal-l5 ta' Frar 2019, il-Konvenuti Intimati xjentament, malizzjożament u dolożament apposta kienu ħallew, lir-Rikorrenti fl-għama dwar il-mewt tal-ġenituri tagħhom u li huma dejjem ħallewħ bit-tama li kienu sejrin jeħilsu mid-djun pendenti miegħu milli tgħaddi l-burraxka li kienu għaddew minnha;

8) Fil-fehma tal-istess Rikorrent, il-Konvenuti Intimati kollha huma ben konxji tad-djun pendenti li hallew xjentament, malizzjożament u dolożament apposta warajhom illum il-mejjet George Attard (ID 229955 M) li kien miet fl-20 ta' Ottubru 2016 (Ara: Dok JL 4) u llum il-mejta Mary Grace Attard (ID 738853 M) li kienet mietet fil-21 ta'

Jannar 2018 (Ara: Dok JL 5) {Ara per eżempju l-kopji tal-irċevuti tal-ħlas magħmul minn kemm l-Intimata Romina Micallef (I.D. 213280 M) kif ukoll ir-raġel tagħha Anthony - Dok RA l, Dok RM 1" Dok RM 2 u Dok TM 1.

9) Barra minn hekk, fil-fehma tal-istess Rikorrent, barra li l-Konvenuti Intimati kollha huma ben konxji tad-djun pendenti li ħallew xjentament, malizzjożament u dolożament apposta warajhom illum il-mejjet George Attard (lD 229955 M) li kif ġa ġie suriferit kien miet fl-20 ta' Ottubru 2016 (Ara: Dok JL 4) u llum il-mejta Mary Grace Attard (ID 738853 M) li kienet mietet fil-21 ta' Jannar 2018 (Ara: Dok JL 5), il-Konvenuti Intimati kollha huma ben konxji li llum il-mejjet George Attard (ID 229955 M) u llum il-mejta Mary Grace Attard (lD 738853 M) xjentament, malizzjożament u dolożament riedu jqarqu bil-istess Rikorrent (Ara per eżempju l-kopja tad-Donazjoni rrevokabbli mgħamula minn illum il-mejjet George Attard (ID 229955 M) u llum il-mejta Mary Grace Attard (ID 738853 M) lill-Konvenuti Intimati kollha fid-disgħa u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (29.03.2011) quddiem in-Nutar Dottor Anne Marie Tonna - Ara: Dok JL 3):

10) Jerġa’ barra minn hekk, fil-fehma tal-istess Rikorrent, il-Konvenuti Intimati kollha xjentament, malizzjożament u dolożament jriedu jqarqu bil-istess Rikorrent;

11) Barra minn hekk u fil-fehma tal-istess Rikorrent, il-Konvenuti Intimati huma l-eredi preżunti ta' Missierhom u Ommhom, jiġifieri tal-lum il-mejjet George Attard (ID 229955 M) u ta' martu llum il-mejta Mary Grace Attard (lD 738853 M):

12) Fil-fehma tal-istess Rikorent, il-Konvenuti Intimati ma għandhom l-ebda eċċessjoni xi jressqu kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont li sal-15 ta' Marzu 2019 kien laħaq l-ammont ta' tnejn u ħamsin elf erba' mija u tlettax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu tal-ewro (€52.413.88) barra l-ispejjeż u l-imgħaxijiet l-oħra addizzjonali li l-ammont tagħhom huma hekk reklamati u li huma sa issa riservati:

13) Fil-fehma tal-istess Rikorrent, jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 stante li d-dejn huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u li l-Konvenuti Intimati ma għandhom l-ebda eċċessjoni x’jagħtu kontra t-talba għall-ħlas tal-istess dejn flimkien mal-imgħaxijiet addizzjonali mill-15 ta' Marzu 2019 sal-ġurnata tal-ħlas effettiv u l-ispejjeż li l-ammont tagħhom huma hekk reklamati u li huma sa issa riservati;

14) Għalkemm illum il-mejjet George Attard (lD 229955M) u llum il-mejta Mary Grace Attard (ID 738853 M) u l-Konvenuti Intimati kollha bħala l-eredi preżunti tal-Ġenituri tagħhom kienu ġew interpellati repetutament sabiex iħallsu l-imsemmija ammonti, huma lkoll baqgħu inadempjenti u baqgħu ma ħallsux djunhom;

15) Minħabba dan il-qerq sfaċċat tal-Konvenuti Intimati u tal-ġenituri tagħhom, ir-Rikorrent qed jitlob lil Din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-Konvenuti Intimati kollha jħallsuh danni mhux materjali;

16) Dawn il-fatti huma magħrufa mir-Rikorrent personalment;

17) Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

(1) Tiddeċiedi l-kawża skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ skont l-Artikolu 167;

(2) Tiddikjara lill-Konvenuti Intimati debituri favur ir-Rikorrent fis-somma tal-imsemmi ammont li sal-15 ta' Marzu 2019 kien laħaq ammont ta' tnejn u ħamsin elf erba' mija u tlettax-il ewro u tminja w tmenin ċenteżmu tal-ewro (€52,413.88) barra l-ispejjeż u l-imgħaxijiet l-oħra addizzjonali li l-ammont tagħhom huma hekk reklamati u li huma sa issa riservati;

(3) Tikkundanna lill-Konvenuti Intimati jħallsu lir-Rikorrent is-somma tal-imsemmi ammont li sal-15 ta' Marzu 2019 kien laħaq ammont ta' tnejn u ħamsin elf erba' mija u tlettax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu tal-ewro (€52,413.88) barra l-ispejjeż u l-imgħaxijiet l-oħra addizzjonali li l-ammont tagħhom huma hekk reklamati u li huma sa issa riservati;

(4) Tikkundanna lill-Konvenuti Intimati jħallsu lir-Rikorrent danni mhux materjali minħabba dan il-qerq sfaċċat tagħhom u tal-ġenituri tagħhom;

## Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Romina Micallef li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. Preliminarjament jiġi sottomess li l-intimati ma għandhom ebda ness mar-rikorrenti. Huma qatt ma akkwistaw affarjiet mingħandu u qatt ma kellhom relazzjoni ġuridika miegħu.

2. Konsegwentament l-intimati m'għandhom l-ebda debitu jew somma flus dovuta lir-rikorrenti. Dan huwa fil-fatt sottomess mir-rikorrenti stess li jgħid li kien biegħ numru ta' vetturi lil George Attard.... li kien miet fl-20 ta' Ottubru 2016.. u lil Mary Grace Attard li mietet fil-21 ta' Jannar 2018. Jinkombi fuq ir-rikorrenti juri r-relazzjoni ġuridika li teżisti mal-intimati u għaliex huma debituri tiegħu;

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Art 2156 (f) tal-Kap 16;

4. Mhux minnu li l-intimati ħallsu lir-rikorrenti; seta' kien il-każ li marru jagħmlu pagamenti lir-rikorrenti għan-nom ta' missierhom - iżda proprju għax missierhom kien id-debitur u mhux huma;

5. L-argument tar-rikorrenti li l-intimati huma l-werrieta preżunti huwa legalment monk;

6. Huwa rifjutat li l-intimati xjentoment, malizzjożament u dolożament opposta kienu ħallew lir-rikorrenti fl-għama dwar il-mewt tal-ġenituri tagħhom.

7. Se mai r-rikorrenti jrid jimpunja att ta' donazzjoni tad-29 ta' Marzu 2011 ippublikat min-Nutar Anne Marie Tonna bejn il-ġenituri tal-intimati George u martu Mary Grace Attard u l-intimati. Illi din għandha issir tramite proċedura oħra;

8. Mingħajr preġudizju għas-suespost, l-ammont mhux ċert, likwidu, u dovut stante li ma hemm ebda relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimati, u sekondarjament lanqas ġew ppreżentati d-dokumenti li juri t-tranżazzjonijiet, bejgħ, negozju bejn ir-rikorrenti u l-ġenituri tal-intimati;

9. Għalhekk it-talba tar-rikorrenti hija nfundata fil-fatt u fid-dritt;

Rat li b' ordni tal-Qorti fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2020 żdiedet bhala konvenuta l-eredita` tal-mejtin konjuġi Attard.

Rat ir-risposta tal-kuraturi ghall-eredita` ġjacenti li mhumiex edotti mill-fatti.[1]

Rat l-atti tal-kawża.

Ikkunsidrat:

L-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' €52,413.88 imgħax u kapital; bilanċ ta' prezz ta' diversi vetturi lil George Attard. Fir-rikors maħluf, para 3, jgħid li George ħallas €7,630 akkont. Jesebixxi fotokopja mhux awtentikata ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-25 ta' Ġunju 2009 li permezz tagħha George u martu jikkostitwixxu ruħhom debituri lejh fis-somma ta' €7,499 prezz ta' Subaru Sambar RJL 124 bl-imgħax ta' 8% mill-5 ta' Ġunju 2008 u €11,972 prezz ta' vettura Changle PGJ 125 iż-żewġ ammonti bl-imgħax ta' 8% fis-sena bl-imgħax mill-21 ta' Diċembru 2008. L-attur esebixxa fotokopja mhux awtentikata tan-nota ta' iskrizzjoni tal-istess kuntratt. Is-sorte skont dan il-kuntratt tammonta għal 19,471. Esebixxa kostituzzjoni ta' debitu tal-20 ta' Lulju 2007 ta' €5,400 valur ta' vettura Change bix-chassis no. LKCU112LoSD852311 bl-imgħax ta' 8% fis-sena minn dakinhar tal-kuntratt.[2] Esebixxa wkoll in-nota t'iskrizzjoni relattiva.

---

[1] Fol 422.
[2] Fol 119.

Mill-kuntratti, it-total tas-sorte hu €24,871. L-attur ma jagħti l-ebda prova dwar sorte ieħor. Jippreżenta statement li bagħat lill-konvenuta Romina Attard li juri sorte ikbar. Fl-istatement tal-15/03/2019, beda bis-somma ta' €12,578.62 fl-20 ta' Lulju 2007 u jispiċċa bl-ammont ta' €52,413.88 fil-15 ta' Marzu 2019 bl-akkumulazzjoni tal-imgħaxijiet.[3] M'hemm l-ebda spjegazzjoni għal liema vetturi qiegħed jirreferi dan l-istatement. Minħabba l-prinċipju tal-*ultra duplum*, il-massimu ta' mgħax jista' jkun daqs is-sorte. Għalhekk it-total huwa s-somma ta' €49,742. Minn dawn iridu jitnaqqsu €7,630. Il-bilanc hu ta' €42,112.

Minkejja li George Attard miet fl-10 t'Ottubru 2016 u Grace Attard mietet fil-21 t'Ottubru 2018, l-atturi rrinunzjaw għall-wirt fl-4 ta' Marzu 2020.

George Attard kien iħobb jixtri u jbiegħ il-karozzi. Madanakollu, Romina Micallef in kontro-eżami xehdet li met miet kellu biss xi vannijiet li kien juża' għax-xogħol tiegħu ta' furnar. Il-vannijiet kienu ggaraxxjati meta miet il-missier u hemm baqgħu. M'għandhomx liċenzja mħallsa. Kienu jieqfu fix-xita u għalhekk ma kinux f'qagħda li jintużaw. Hi ma ddisponiet minn ebda vann u lanqas bagħtithom għall-iskrapp jew b'xi mod iddisponiet minnhom. Ma tafx x'għamlu ħutha. Uffiċċjal ta' Transport Malta esebixxa l-history tal-vetturi li tagħhom f'xi żmien il-partijiet, u saħansitra żwieġhom, kienu sidien. Minn dawn minn imkien ma jirriżulta li ddisponew minn xi vettura proprjeta` ta' George Attard, jew li dawruha fuq isimhom wara mewtu. Jirriżulta li George Attard akkwista EBG 665 Toyota Hilux Pickup fit-2009 u li kienet għadha proprjeta` tiegħu meta miet. Baqgħet f'ismu wara mewtu.[4]

[3] Fol 10.
[4] Fol 371

Dejjem skont Romina, in-negozju tal-forn ingħalaq mal-mewt tal-missier, imbagħad reġa' beda jaħdem bħala furnar ir-raġel ta' Romina: "mingħand missieri ma ħa xejn".[5]

Minn dawn il-ftit provi ma jirriżultax li l-atturi għamlu atti ta' eredi tali li jsarrfu f'aċċettazzjoni tal-wirt qabel m'għamlu r-rinunzja formali skont il-liġi. Għalhekk huma estranji għall-pretenzjonijiet tal-attur kontra l-wirt tal-ġenituri tagħhom. Jidher li l-attur induna b'dan l-istat ta' fatt tant li, mingħajr m'ammettieh, waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2020 talab li l-ereditajiet jiżdiedu bħala konvenuti u jkunu rappreżentati minn kuraturi deputati.[6]

**<u>Decide</u>**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tillibera lill-konvenuti Romina Micallef, Lina Cassar, James Attard u Paul George Attard mill-osservanza tal-ġudizzju.
2. Konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont Art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.
3. Tilqa' in parte t-tieni talba u tiddikjara lill-wirtijiet tal-konjuġi George u Mary Grace konjuġi Attard debitur tal-attur fis-somma ta' €42,112.
4. Tikkundanna lir-rappreżentanti tal-istess wirtijiet biex iħallsu l-istess somma mill-assi tal-istess wirtijiet.
5. Tiċħad il-ħames talba.

[5] Fol 394.
[6] Fol 414.

Bl-ispejjeż inklużi tal-mandati ta' inibizzjoni (135/19) u ta' sekwestru (136/19) a karigu tal-eredita` tal-konjuġi Attard.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA